# REĊENSJONI

**'Driegħ ma' Driegħ,'** ġabra ta' xogħlijiet poetiċi. Stampat fl-Empire Press, Floriana.

Din hi antoloġija miġbura u maħruġa minn sitt poeti Maltin li jinsabu msefrin l-Awstralja. Dun G. Abela, Manwel Nicholas Borg, Br. Michael Buttigieg f.s.c., Manwel Cassar, Ġorġ Chetcuti u Joe Saliba huma s-sitt poeti li, għalkemm bogħod minn art twelidhom, f'qalbhom baqgħet tixgħel qawwija x-xrara ta' l-imħabba lejn l-ilsien malti. Dawn is-sitt poeti mhux l-ewwel darba li ġa kellna x-xorti naqraw kitba minn tagħhom sew f'kotba li huma nnifishom uħud minnhom ġa ħarġu individwalment kemm ukoll f'din ir-rivista tagħna "Il-Malti" u f'rivisti u gazzetti oħra lokali.

Dak li jitwieled fik ma jmut qatt. U dan nistgħu narawh ċar f'dawn is-sitt poeti Maltin. L-imħabba għall-poeżija maltija li huma ħasslu fi ċkunithom u f'żgħożithom meta kienu għadhom joqogħdu hawn Malta baqgħet sħiħa f'qalbhom, biex ma ngħidx issaħħet u tqawwiet aktar, ukoll wara li ħtiġilhom jitilqu minn pajjiżhom biex jaqilgħu ħobżhom għalihom u għall-familja f'art barranija b'lingwa, drawwiet u ambjent għal kollox barranin.

Il-ktieb fih studju kritiku ta' Ġużè Chetcuti u l-ħsieb imfisser fil-paragrafu ta' hawn fuq naraw rifless tiegħu fil-kliem ta' Chetcuti "Il-poeta hu figura li jibqa' jappartieni lill-art li tatu t-twelid. La ż-żmien u lanqas id-distanzi ma jistgħu jifirduh minn dik l-art li tatu l-ewwel kelma u li għallmitu jagħmel l-ewwel pass fil-ħajja. Id-destin ikarkar il-poeta u jieħdu fejn ikun jaqbillu l-aktar materjalment imma ma jistax itebbagħlu u jbiddillu l-ispirtu tiegħu: ir-ruħ ma tinbidilx u ma tittifisx b'dak li hu materjali."

L-istil tal-poeżija f'dan il-ktieb hu għal kollox tradizzjonali. Ħadd minn dawn il-poeti ma ażżarda jidħol fl-istil tal-poeżija moderna. Ħadd ma ħass minnhom il-ħajra li joqgħod jesperimenta bir-ritmu u l-metru tal-vers. U f'ħafna mill-poeżija li tawna f'dan il-ktieb jinħass jiġri jbaqbaq id-demm tal-ġibda u ta' l-imħabba għal pajjiżhom, għal ħbiebhom u għal dawk kollha li ħadmu għal Malta u għall-ilsien Malti.

L-element reliġjuż jagħmel ukoll parti mportanti, l-aktar fil-poeżija ta' Dun Ġużè Abela u Bro. Michael Buttigieg, waqt li fil-poeżija ta' Manwel Cassar tinħass ħafna n-nota familjari. Ġorġ Chetcuti tana poeżiji spirati l-aktar mill-ambjent ġdid li sab ruħu fih bħalma hu s-sunett "Rushcutters Bay". Joe Saliba tana traduzzjoni ta' kitba filosofika mill-oriġinal ta' Kahlil Gibran li tiġbor fiha teżori ta' għerf. Manwel Nicholas Borg jagħtina wkoll poeżiji sbieħ imħeġġin bi ħsebijiet imdawla u bi tqanqil qalil tar-ruħ.

Ma nistgħux ma nifirħux lil dawn is-sitt poeti tagħna u nfissrulhom ix-xewqa kbira li għandna li nkomplu naraw minn għandhom kotba oħra u li huma jkomplu jaħdmu bla heda għall-ġid u l-mixi 'l quddiem tal-letteratura Maltija fl-Awstralja u f'kull art oħra fejn ix-xorti tista' titfagħhom.

**M. A.**

# KUNSILL TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI GĦAS-SNIN 1972-1973

**Presidenti Onorarji.** Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D., F.R.A.S., Kav. Salv. Gatt, Sur Ġino Muscat Azzopardi

**President:** Kav. Prof. Ġ. Galea, M.B.E., O.St.J., P.E.P, M.D., D.P.H., F.R.S.H.

**Viċi-President:** Dr. W.Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., M.A., D.P.A.

**Segretarju Onorarju:** Charles Coleiro

**Teżorier:** Pawlu Mifsud

**Segretarju Propaganda:** Pawlu Cachia

**Assistent Segretarju:** Sinjorina Mary Rose Gatt B.A. (Gen) B.A. (Hons.)

**Assistent Teżorier:** M.C. Spiteri.

**Membri:** Victor Apap, P. V. Barbara O.P., Rev. Mons. Prof. K. Sant D.D., S.S.D., B.A., Rev. F. Camilleri, Anton Agius Muscat u Rev. P. Lett. D. Mintoff O.F.M.